QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 39** **IT-TLIETA 06 TA' LULJU 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 06 ta' Lulju 2010 fis-7.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Jason Busuttil, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Angelo Briffa, Jeffrey Camilleri, u Dennis Zammit.

Il-Kunsilliera Ralph Puli u Simon Vella Gregory infurmaw li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**39/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 38 li nżammet nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 38 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**39/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona

l-approvazzjoni ta’ dawn il-pagamenti. **DOK ‘B1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru
**b)** *Bank Payments* Ġunju *2010*
**c)** *Petty Cash* Ġunju *2010*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur id-disa’ Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**39/03 MOZZJONI 103/2010 (V)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina ressaq** il-Mozzjoni 103/2010 (V).

'Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' Euro 450 biex tiġi organizzata mill-Kunsill ħarġa għal Għawdex għall-persuni b’diżabilita’ bil-kollaborazzjoni tal-*Qormi Support Group.*

Għal din l-attivita’ hu maħsub li jattendu madwar 22 persuna b’diżabilita’ fejn l-ispejjeż jinkludu t-transport, inkluż van tal-persuni b’diżabilita’ u l-ikel."

**Il-Kunsillier Dennis Zammit issekonda.**

**Is-Sindku** nnota li din hija l-ewwel attivita' għal dawn il-persuni li l-Kunsill qed jorganizza din is-sena, u għalhekk iħeġġeġ li jkun hemm parteċipazzjoni għal din l-attivita'.

**Ivvutaw favur** id-disa’ Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva unanimament l-organizzazzjoni ta’ din il-ħarġa għall-persuni b’diżabilita’.**

**39/04 *QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT U FINANCIAL SITUATION INDICATOR REPORT JANUARY – MARCH 2010***

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda l-ewwel rapport finanzjarju ta' kull tlett xhur – mill-1 ta’ Jannar 2010 sat-31 ta’ Marzu 2010, għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mar-rapport *Financial Situation Indicator* għall-istess kwart tas-sena. Ir-rapporti kienu mqassma mad-dokumenti tas-seduta u ttieħdu bħala moqrija. **DOK ‘C1-2’**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għad-dħul u l-infieq f’dawn it-tielet tlett xhur ta’ din is-sena finanzjarja fejn ir-rapport finali jindika li l-Assi tal-Kunsill fit-31 ta’ Marzu 2010 jammontaw għal €65,457 jew 8.19% tal-ammont allokat mill-Gvern Ċentrali, skond id-dispożizzjoni ta’ AL 323 P1.05 (d.07) (i) u AL

324 Sezzjoni 2 (bi), fejn b'hekk fl-ewwel tlett xhur il-Kunsill reġa' ġie f'qagħda finanzjarja pożittiva, wara li fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2009, il-Kunsill kien mġiegħel jieħu proviżjoni qawwija għal ammont ta' taħrikiet mhux imħallsa sal-2007.

## 39/05 PROĠETT KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2010

**Is-Sindku ressaq u poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill** id-dokument Proġett Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Ħal Qormi 2010 li tressaq miż-żgħażagħ u ntgħażel minn fost 15-il grupp ta' żgħażagħ li ngħataw taħriġ speċifikat dwar it-temxxija tal-Kunsilli Lokali u li lkoll ħolqu proġetti biex itejbu l-lokalita' tagħhom. **DOK 'D1-2'**

Il-Proġetti ta' Ħal Qormi, ta' Bormla u ta' l-Imtarfa kienu magħżula sabiex ikunu parzjalment iffinanzjati, u l-Kunsill Qormi ngħata 10,000 ewro f'fondi sabiex iwettaq dan il-proġett ta' tisbiħ tal-lokalita' bir-rinnovazzjoni tal-ġonna fil-lokal li uħud minnhom se jkunu mgħammra bl-enerġija alternattiva u s-servizz tal-internet permezz tal-WI-FI.

Is-Sindku kompla li dan kollu jagħmel unur lill-ħidma tal-Kunsill, lill-Kunsillier li kkoordina u ħa ħsieb dawn iż-Żgħażagħ rebbieħa, għat-tmien xhur ta' ħidma fi ħdan il-Kunsilli Lokali, għaliex dan l-impenn taż-żgħażagħ fil-komunita' huwa essenzjali għall-iżvilupp sħiħ tal-komunita' kollha.

## 39/06 URBAN IMPROVEMENT FUND

Is-Sindku nforma li sa dak inhar tas-Seduta il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda ħjiel tal-fondi mill-*Urban Improvement Fund* għax-xogħol ta' bankini li tlesta fix-Shopwise Area u fi Triq il-Vitorja. Il-Kunsill filwaqt li kien infurmat li l-Kumitat tal-UIF kien approva l-proġett imressaq mill-Kunsill dwar il-bini mill-ġdid tas-Cental Strip fi Triq Angelo Borg, Ġnien Bertu Hyzler. Sal-lum, data għall-iffirmar ta' dan il-Kuntratt għadha ma kenitx iffissat. Meta jkun iffirmat il-Kuntratt ikun jista' jinbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni.

## 39/07 MEMO 21/2010 - SKEMA RESTAWR TA' POSTIJIET STORIĊI ŻGĦAR

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar ir-restawr tal-istatwi ta' San Ġorġ, ta' San Pawl, tal-Madonna tar-Rużarju u tas-Salib tal-Ħandaq intlaqgħet u l-Kunsill irċieva allokazzjoni ta' 15,000 Euro għax-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill huwa marbut b'dawn il-kundizzjonijiet: **DOK 'E'**

- Jekk il-proġett ta' restawr ma jaqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali, irid isir ftehim bil-miktub mal-proprjetarju, liema kopja tal-ftehim trid tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sal-31 ta' Awwissu 2010.
- Xogħlijiet iridu jkunu lesti sa' l-aħħar ta' Diċembru 2010. Prova tax-Xogħol li sar għandha tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u tkun tinkludi ċertifikat tax-xogħol, ritratti, kopja tal-invoices u kopja tal-irċevuti fiskali iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li tinħareġ is-sejħa għax-xogħol.

## 39/08 INFORMAZZJONI

**Is-Sindku** fakkar li wara l-mistoqsijiet imqajjma mill-*Head Monitoring Unit* tal-Gvern Lokali fis-7 ta' April 2010 u mwieġba fis-seduta 37 tat-Tlieta 11 ta' Mejju 2010, fejn tqajjem il-punt dwar ħlas lil Dar il-Kaptan għal servizz li l-Kunsill qed jagħti lill-persuni b'diżabilita', kien qed jitressaq għall-approvazzjoni l-ħlas dovut għas-servizz għall-perjodu Frar-Mejju li jammonta €616.31. Il-Kunsill unanimament qabel li dan is-servizz mill-Kunsill jibqa' jingħata u l-ħlas isir. **DOK 'F'**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** fakkar li bi tħejjija għall-Festa tal-Madonna tal-Ħlas, kif sar fis-snin ta' qabel, ser ikun hemm bżonn ta' kiri ta' *Mobile toilets* għal din l-attivita' f'Tal-Ħlas. Il-Kunsill unanimament qabel.

**Is-Sindku** fakkar li bdew isiru t-tħejjijiet għall-Festival tal-Inbid u għall-Festival tal-Ħobż li din is-sena sejrin ukoll isiru f'Settembru. F'seduta oħra jitressqu l-mozzjonijiet dwar dawn l-attivitajiet.

## 39/09 IL-MONTI

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, flimkien mal-Perit tal-Kunsill William Lewis, preżentazzjoni dwar il-proposta tal-Kunsill dwar il-Monti.
Is-S.E. ressaq ukoll din il-korrispondenza li kienet iċċirkulata: **DOK 'G1-3'**

1. kopja tal-Korrispondenza lill-Onor. Or. Chris Said M. P. mibgħuta fit-3 ta' Awwissu 2009, wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu fil-15 ta' Lulju 2009 ma' l-istess Segretarju Parlamentari,
2. kopja tas-Siltiet mill-Minuti mit-tieni Kunsill sal-Kunsill preżenti dwar il-Monti, u
3. kopja tal-Miżuri li l-Kunsill addotta fis-Seduta nru 31 ta' nhar il-Erbgħa, 2 ta' Lulju 2003 dwar il-Monti.

Is-S.E. fakkar li mill-Ewwel Kunsill sal-lum il-Kunsill dejjem baqa' jinsisti li l-Monti ta' Ħal Qormi għandu jiġi trasferit għal post aktar addattat għaliex fil-post fejn jintrama' fil-prezent qiegħed:

1. joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti, u jħalli l-post f'telqa' u joħloq periklu kbar,
2. kemm għas-sigurta fl-istess pjazza u madwar il-Knisja ta' San Sebastjan,
3. kif ukoll għall-istess bejjiegħa li m'għandhomx l-ispazju neċessarju fejn jaħdmu.
4. kif ukoll minħabba l-proġett tal-Kunsill li jġedded il-pjazza u l-madwar tal-Knisja u dawn jiġu *upgraded* u għalhekk b'riżultat ta' dan ix-xogħol ma jibqax lok li f'dawk it-toroq jinżamm il-Monti.

Din il-proposta tal-Kunsill kienet tressqet lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fil-laqgħa li kienet inżammet fl-uffiċċju tiegħu mal-Kunsill kollu u wara din l-istess proposta kienet mibgħuta f'ittra tat-3 ta' Awwissu 2009, bil-proposta l-oħra fejn jista' jintrama' l-Monti f'Ħal Qormi mingħajr ma joħloq inkonvenjent lir-residenti, għaliex ma jkunx armat quddiem biebhom u dan fil-parti t'isfel ta' Triq l-Imdina mill-Monument tal-Gwerra l-isfel u fi Triq l-Iljun.

Saret diskussjoni dwar din il-proposta fejn bl-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill kienu mfissra x'diffikultajiet ta' qisien li hemm bżonn li jkunu riżolti, sabiex tinħareġ pjanta

dettaljata li tiġbor il-proposta sħiħa. Tqajjmu diversi punti, fosthom li d-djar u graxxijiet fi Triq l-Imdina ma jkunux ostakolati, li fl-ispazju propost għandhom jidħlu l-posti kollha li hemm allokati llum.

Għalhekk il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv ikunu nkarigati sabiex jaħdmu pjanta dwar din il-proposta, li fiha tinkludi l-qisien kollha neċessarji skont l-avviż legali 119 ta' l-2002, sabiex il-pjanti jkun fihom il-qisien eżatti tal-wisgħat tat-toroq, u n-numru ta' posti li jidħlu fl-area proposta. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa kollox bil-qisien kollha miġbura.

**39/09** **Is-Sindku** flimkien mal-Kunsilliera kollha u s-Segretarju Eżekuttiv taw l-isbaħ xewqat lill-Viċi Sindku Kenneth Busuttil li sejjer jingħaqad fis-Sagrament taż-żwieġ nhar is-Sibt 24 ta' Lulju 2010.

## 39/10 AĠĠORNAMENT

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-**Tlieta 24 ta' Awwissu 2010** fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.35 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | John Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2010.
(Jum) (Data) (Xahar)